MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1349/2000/1

**Antoinette Ransley**

**vs**

**Gordon u Kevin Loughborough**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti gew inkarigati mill-attrici sabiex jistallaw tank ta' l-ilma fuq il-bejt tal-proprjeta taghha, numru 2, St. Lawrence Street, Sliema.

Illi fit-13 ta' Settembru, 1999 l-attrici soffriet incident fil-proprjeta taghha meta l-bejt ceda u sfronda u b' konsegwenza ta' dan l-istess incident hija soffriet danni

konsiderevoli li gew likwidati mill-Perit David Felice A & CE ghas-somma ta’ elfejn, sitt mija u hamsa u sebghin lira maltin (Lm2,675) kif jidher mill-istima minnu maghmula datata 7 ta’ Ottubru, 1999 kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A.

Illi minhabba dan l-istess incident l-attrici soffriet telf ta’ qligh li hija kienet taghmel billi kienet izzomm l-istudenti barranin f’ dan l-istess fond u wkoll dahlet fi spejjez ulterjuri relatati ma dan l-incident kif ser jigi pruvat tul is-smigh tal-kawza.

Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-fuq imsemmi incident peress illi svolgew l-inkarigu taghhom ta’ l-installazzjoni tat-tank b’negligenza, imperizja, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti u nuqqas tas-sengha u arti u b’ konsegwenza ta’ dan il-bejt ceda u sfronda.

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu s-somma tad-danni kif illikwidata, permezz ta’ ittri ufficjali datata 16 ta’ Mejju, 2000 (Dok B) huma baqghu inadempejti.

Ghalhekk l-attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghall-incident li sehh fit-13 ta’ Settembru, 1999 fil-proprjeta ta’ l-attrici, numru 2, St. Lawrence Street, Sliema. Li jigu likwidati d-danni sofferti mill-attrici b’konsegwenza ta’ dan l-istess incident u konsistenti f’ dawk il-hsarat, spejjez u telf ta’ qligh li jirrizultaw fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici d-danni kif likwidati mill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lisa tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-konvenuti fejn irrilevaw li huma gew notifikati bic-citazzjoni fl-ismijiet premessi u mal-presenti jannettu kopja tal-karta tal-identita’ ta’ Kein Loughborough li minnha jirrizulta li kunjom il-konvenuti gie miktub zbaljatament mill-atturi u ghalhekk huma qeghdin

jirritornaw ic-citazzjonijiet li bihom gew notifikati u jippresentaw kontestwalment nota ohra li permezz taghha jaghtu ruhhom b'notifikati bil-kawza daqs li kieku gew notifikati b' kunjomhom spellut tajjeb u ukoll kontestwalmet jippresentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom in kontestazzjoni tal-talbiet attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament illi huma ma gewx notifikati bic-citazzjoni korrettement izda qeghdin jaghtu ruhhom b'notifikati biha, b' nota separata presentata kontestewalment mal-presenti, daqs li kieku kunjomhom gie spellut tajjeb u ghal hekk qeghdin, permezz tal-presenti, jikkontestaw it-talbiet attrici.

2. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attrici stante li kienet hija li naqset li tivverifika, qabel ma ingaggat lill-esponenti sabiex jinstallawha tank fuq il-bejt, illi attwalment l-istess bejt kien seta' jerfa il-piz tat-tank li riedet hija. Ma kienx jispetta lill-esponenti li jaraw li il-bejt seta' jerfa it-toqol tat-tank.

3. Illi l-esponenti qdew diligentement u skond l-ahjar hila u abbilita' taghhom l-inkarigu li inghatalhom billi xogholhom kien biss li ipoggu tank tal-ilma fuq il-bejt u jikkomunikawh mas-sistema tal-ilma. Dan huma qdewh diligentement u ma kienu bl-ebda mod traskurati f'dak li ghamlu u f'dan is-sens huma irrispondew l-ewwel interpellazzjoni li huma kienu ircevew minghand l-attrici.

4. Ghal dawn il-motivi it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit u l-affidavit ulterjuri tal-attrici.

Semghat lix-xhud il-Perit David Felice imsejjah mill-attrici kif ukoll in kontro-ezami.

Semghat lill-attrici.

Rat l-affidavits taz-zewg konvenuti kif ukoll l-affidavit ta' Emilio Bonnici prodott mill-konvenuti.

Semghat liz-zewg konvenuti n kontro-ezami.

Rat id-dikriet taghha tat- 3 ta' Novembru 2003 li bih gie nominat bhala Perit Tekniku AIC Godwin Abela bil-fakoltajiet soliti.

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi Perit Tekniku debitament ippresentata u konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-3 ta' Frar 2004.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fis-sentenza Bianchi et vs Raniolo et [1]**,** il-Qorti rritenet:- "Id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni hija ta' bonus pater familias (missier tajjeb tal-familja) u dan a tenur tal-Kap 16 art 1132 u bl-artikolu 1032 ta' l-istess Kodici jinghad li min ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja jitqies fi htija dwar l-eghmil tieghu." Naturalment, kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fede (Kap 16 art 993). Inoltre, l-artikolu 1038 tal-Kap 16 jipprovdi li: "Kull min minghajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghal hsara li, minhabba n-nuqqas ta' hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor."

[1] Vivian S. Bianchi u Ralph Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Investments Ltd. vs Perit Italo Raniolo u Perit Edward Bencini solidalment bejniethom, PAQC. 29/04/2011

Fil-kawza fl-ismijiet Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina et[2], intqal:-
"… Jinhass opportun f'dan l-istadju li jigu puntwalizzati u sottolinejati d-doveri li b'ligi huma imposti kemm fuq il-kuntrattur, kif ukoll fuq l-Arkitett, inkarigati mill-ezekuzzjoni ta' xoghol ta' kostruzzjoni, anke ghaliex dawn bhal kull haddiehor iwiegbu ghal hsara li tigri bl-ghemil taghhom jekk ma juzawx id-diligenza, prudenza jew hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1), Artikolu 1033 tal-Kodici Civili).

In kwantu ghall-appaltatur (li mhuwiex perit), il-Qrati taghna bosta drabi rribadew il-principju illi "l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'l quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine" Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).

Jidher mill-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku, li gie nnominat f'dawn il-proceduri, li wasal ghall-konkluzjoni li l-metodu li bih suppost tqieghed it-tank ma giex indikat lill-konvenuti minn min seta kien responsabbli. Dan nonostante, una volta l-konvenuti tqabbdu biex jaghmlu x-xoghol in kwestjoni, u peress li huma f'din is-sengha, imisshom kienu jafu illi f'certi kazijiet jista' jkun li jrid jintuza metodu partikolari biex jitqieghed tank fuq bejt, partikolarment tank daqshekk kbir - jew ghall-inqas li wiehed ghandu jikkonsulta ma' xi perit qabel ma jiehu d-decizjoni fejn u kif ser jitpogga t-tank. Il-konvenuti jmisshom ukoll kienu jafu - u mqar avzaw lill-attrici – biex tivverifika ma' min seta kien responsabbli - illi jista' jkun il-kaz li jekk jitqieghed tank daqshekk kbir fuq bejt, dan jista' jikkaguna hsara jekk il-bejt ma jkunx jiflah ghalih.  L-attrici qabbdet lilhom biex iqieghdu t-tank u ghalhekk kellha ragun tafda fihom biex jghidulha xi jkun hemm bzonn. Jekk ma kinux kompetenti jiddeciedu (kif fil-fatt huwa l-kaz ghaliex decizjoni bhal din trid tittiehed minn perit) u ghalhekk ma hassewx li kien il-

[2] PAQC, 27 ta' Jannar, 2003

kompitu taghhom u kwindi imisshom avzawha b'dan sabiex hija tinkariga lil min jista' jaghtiha l-parir xieraq qabel ma jipprocedu bix-xoghol u javzawha ukoll li seta jkun perikolu li taghmel mod iehor. Xejn ma jiswa li haddiehor qieghed tankijiet fl-istess zona b'dan il-mod (kif jidher mir-ritratti esibiti mill-konvenuti) - ghaliex wiehed ma vverifikax kif inhuma mibnija dawk is-soqfa. Jekk il-konvenuti, minghajr il-hila jew gharfien, indahlu ghal dan ix-xoghol minghajr ma gharrfu lill-attrici sa fejn tasal il-kompetenza taghhom, meta huma f'din is-sengha, allura huma ghandhom ibatu l-konsegwenzi ta' eventwali hsara.

Il-kuntrattur responsabbli jidher li kien inkarigat biss ghal tikhil u tisiwjiet zghar ghar-rigward tas-saqaf, u mhux il-binja tas-saqaf u allura ma jistax jirrispondi ghan-nuqqas tal-konvenuti u inoltre ma kienx kompitu tieghu li jindahal. Anzi, qabel ma obdew it-talba tal-attrici u jqieghdu t-tank fejn fil-fatt qieghduh, il-konvenuti misshom kienu jafu li kien obbligu taghhom li jaraw kif kien is-saqaf ta' tahtu jew jghidu lill-attrici li hi kella tikkonsulta perit.

Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti ghandhom jintlaqghu t-talbiet attrici dwar il-hsara kif tirrizulta mill-provi u ghalhekk ukoll fl-istess waqt ghandhom jigu rigettati l-eccezjonijiet kollha fil-meritu tal-konvenuti. Il-hsara li sofriet l-atrici u li tirrizulta mill-provi hi s-segwenti:-

Spejjez professjonali tal-perit - Lm100 - kif jirrizulta mix-xhieda tal-Perit stess.
Tiswija ta' tarag kif jirrizulta minn fattura - Lm330
Tisiwja ta' elettriku kif jirrizulta minn fattura Lm22.
Xoghlijiet ta' kostruzzjoni kif jirrizultaw minn fattura - Lm1471.14

Total Lm1923.14, li huwa ekwivalenti ghal euro €4479.71

Fir-rigward ta' telf ta' qliegh, jidher illi l-attrici kien ikollha ghall-inqas zewg studenti fix-xahar. Ghalhekk l-ammont dovut ghal nuqqas ta' qliegh ghandu jigi likwidat ghall-ekwivalenti ta' zewg studenti fix-xahar ghal erba' xhur (kif

indikat mill-Perit David Vella bhala zmien ragjonevoli ghax-xoghlijiet), u cioe' Lm32 fil-gimgha ghal kull zewg studenti, li ghal erba' xhur (madwar 17-il gimgha) jammontaw ghal Lm224, ekwivalenti ghal euro €521.78.

B'kollox id-danni sofferti mill-attrici ghandhom jigi likwidati fis-somma ta' euro hamest elef u wiehed u disgha u hamsin centezmi (€5001.59)

L-ispejjez tal-kawza ghandhom kollha jithallsu mill-konvenuti in solidum bejnithom.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti in solidum bejnithom huma responsabbli ghall-incident li sehh fit-13 ta' Settembru, 1999 fil-proprjeta ta' l-attrici, numru 2, St. Lawrence Street, Sliema, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici b'konsegwenza ta' dan l-istess incident u konsistenti fil-hsarat, spejjez u telf ta' qligh fl-imsemmija somma totali ta' euro hamest elef u wiehed u disgha u hamsin centezmi (€5001.59) u tikkundanna l-konvenuti in solidum bejnithom ihallsu lill-attrici l-imsemmija somma ta' €5001.59 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

Spejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------